MALTA RESOURCES AUTHORITY

**Kodiċi ta' Prattika li jirregolaw aspetti differenti**
**tas-settur tal-Gass Petroleum Likwefatt**

L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi fassal Kodiċi ta' Prattika li jirregola aspetti differenti tas-settur tal-Gass Petroleum Likwefatt bl-iskop li s-suq ikun aktar effiċjenti.

B'kollox tfasslu wieħed u għoxrin Kodiċi ta' Prattika, wara konsultazzjoni li l-Awtorità kellha ma' awtoritajiet u stakeholders differenti. .

Il-Kodiċi ta' Prattika relatati mas-settur tal-Gass Petroleum Likwefatt, tfasslu fuq il-Kodiċi ta' Prattika li hemm fir-Renju Unit imfassla mill-Assoċjazzjoni UK LPG. Din l-Assoċjazzjoni m'hix governattiva u twaqqfet fl-1969. L-inġinjiera u t-tekniċi li joperaw fis-suq lokali tal-GPL dejjem jirreferu għalihom. B'hekk l-adozzjoni tal-Kodiċi għaċ-ċirkostanzi lokali, bl-approvazzjoni tal-Assoċjazzjoni UK LPG, għandha tiffaċilita l-operat fis-settur.

Il-Kodiċi jipprovdu għall-ħażna u sistemi ta' tqassim tal-GPL, il-mili ta' ċilindri, l-użu mingħajr periklu tal-GPL għad-dgħajjes u jottijiet, fost l-oħrajn, kif ukoll għall-użu ta' ċilindri tal-gass f'postijiet differenti.

L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi issa qed testendi l-proċess ta' konsultazzjoni dwar il-Kodiċi ta' Prattika għall-pubbliku in ġenerali. Kopja tal-Kodiċi ta' Prattika tista' titniżżel minn fuq il-websajt www.mra.org.mt kif ukoll tista' tintalab permezz ta' e-mail fuq consultation@mra.org.mt.

Kummenti għall-kunsiderazzjoni tal-Awtorità għandhom jintbagħtu bl-e-mail fuq consultation@mra.org.mt jew bil-posta lill-uffiċċju tal-Kap Eżekuttiv fl-indirizz Millenia, 2nd Floor, Aldo Moro Road, Marsa MRS 9065, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 5 ta' Ġunju, 2009.

6th April 2009
MRA/PR 6/09

*Malta Resources Authority, Millennia, Aldo Moro Road, Marsa MRS 9065, Malta.*
*Tel: +356 21220619; Fax: +356 22955200 E-mail: enquiry@mra.org.mt*